**Tribunal Industrijali**

**Deċiżjoni Numru: 3012**

**KAŻ NRU: 4050/21/AM**

**Fil-Kwistjoni tax-Xogħol**

**bejn**

**Il-Kullegg Malti ghall-Arti, Xjenza u t-Teknologija (MCAST)**

**u**

**Flavia Morone Pinto (K.I. 206010A u Numru tal-Passaport Braziljan FM 914830)**

*dwar allegat ksur tal-kuntratt ta' mpjieg in linea mal-Art 36 (12) tal-Kap 452*

**Chairperson: Dr Anna Mallia LL.D., LL.M. (lond)., Dip. Tax (MIT)**

Illum il-Ġimgħa 5 ta' Lulju, 2024

It-Tribunal,

**Premessa**

F'dan il-kaz il-Kullegg MCAST qed jitlob lil dan it-Tribunal sabiex jiddikjara li l-Intimata tterminat il-kuntratt taghha tal-impjieg ghal zmien definit u sabiex ukoll tikkundanna lill-istess intimata thallas lill-Kullegg is-somma ta' Ewro 19,292.93 jew somma ohra varjuri rapprezentanti nofs l-ammont ta' salarju u kontribuzzjonijiet douvti lill-Kullegg rikorrenti ai termini tal-kuntratt Dok A ghall-perjodu bejn it-12 ta' Dicembru 2020 u l-31 ta' Dicembru 2021 ai termini tal-Artikolu 36(12) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

Gara li dawn it-talbiet il-Kullegg kien originarjament ressaqhom quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili u l-istess Qorti kienet laqghet l-eccezzjoni tal-intimata u fid-decizjoni taghha tal-4 ta' Marzu 2022 (talba numru 616/2021 AD) ordnat li huwa dan it-Tribunal li ghandu gurisdizzjoni jisma' dan il-kaz.

A fol 68 permezz ta' verbal tad-29 t'April 2022 il-partijiet qablu li d-dokumenti kollha esebiti fil-kawza 616/21AD ghandhom jigu kkunsidrati daqs li kieku gew esebiti quddiem dan it-Tribunal.

F'dan il-kaz il-partijiet jaqblu li l-intimata kienet impjegata mall-Kullegg rikorrenti bhala 'Researcher' ; li l-Kullegg jikkontendi li l-intimata kellha kuntratt definit ta'

tlett snin u hija rrizenjat qabel ma skada dan il-kuntratt; filwaqt li l-intimata tikkontendi li l-kuntratt taghha originarjament kien ta' sena u la gie mgedded dan il-kuntratt sar wiehed indefinit u ghalhekk hija ma ghandha taghti xejn lill-Kullegg ghax ma kisret ebda klawsola tal-kuntratt.

Jigi rilevat li l-kuntratt definit li l-Kullegg jikkontendi li kellha l-intimata beda jiddekorri mill-1 t'Awissu 2019 (fol 8) u kien jiskadi fil-31 t'Ottubru 2021 u kellha sena probation.

Hemm qbil ukoll li l-intimata fit-30 ta' Novembru 2020 hija tat in-notice u r-rizenja taghha u l-11 ta' Dicembru 2020 kienet l-ahhar gurnata li hadmet mall-MCAST, (fol 23).

**<u>Risposta tal-intimata (fol 35)</u>**

L-ewwel eccezzjoni kienet dwar il-kompetenza tal-Qorti liema eccezzjoni llum giet sorvolata.

Li mhux minnu li hija kienet fil-mument tat-terminazzjoni tal-impjieg taghha marbuta mall-Kullegg rikorrenti permezz ta' kuntratt t'impjieg ghal zmien definit u li hi kwindi kisret xi obbligazzjoni kontrattwali.

Li l-kuntratt ghal zmien tlett snin gie sostitwit b'wiehed ghal sena bil-covering note tieghu tispecifka li tali impjieg kien ghal zmien definit ta' sena  u li dan gara wara li hija nfurmat lill-Kullegg li l-kuntratt propost lilha ghal zmien itwal ma kienx accettabbli min-naha tal-Identity Malta fejn il-visa taghha bhala persuna b'cittadinanza minn pajjiz mhux membru tal-Unjoni Ewropeja kellha ta' bilfors tiggedded minn sena ghal ohra. Konsegwentement il-Kullegg biddel il-covering note tal-istess kuntratt sabiex jigi provdut espressament li l-kuntratt kien validu ghal sena liema coverning note giet sottoskritta miz-zewg partijiet u kwindi sostitwita ghal dak prezentat mill-istess Kullegg u formanti parti allura mill-kuntratt sottoskritt mill-istess partijiet.

Illi konsegwentement dan il-kuntratt gie maqbul bejn il-partijiet li jkun ghal sena biss u in linea mall-principju pacta sunt servanda (Art. 992 u 993 Kap 16), tali kuntratt kien mhux biss jivvinkola lill-partijiet imma wkoll jesigi li l-partijiet jesegwixxu l-istess in buona fede.

Wara l-ewwel sena tal-impjieg taghha u in vista tal-fatt li l-esponenti ma ffirmatx kuntratt iehor l-impjieg taghha gie konvertit ghal wiehed indefinit u dan skond l-Art 34(2) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

Li għalhekk meta l-intimata tterminat l-impjieg tagħha permezz tal-ittra ta' riżenja tat-30 ta' Novembru 2020 hija ma kinitx aktar marbuta mall-Kullegg b'kuntratt t'impjieg għal żmien definit imma b'impjieg għal żmien indefinit skont il-liġi fejn allura l-ebda ammont ma huwa dovut mill-esponenti in konnessjoni ma' tali terminazzjoni t'impjieg.

Li l-intimata ma xtaqitx tirriżenja u kien propju l-Kullegg li in linea ma' dak miftiehem kien diġa' ħareġ reklam għall-vacancy relattiva qabel mall-esponenti kienet preżentat ir-riżenja tagħha dan proprju in linea ma' dak li jingħad hawn fuq dwar in-natura tal-kuntratt tagħha. Saħansitra id-Deputy Principal tal-Kullegg ikkonfermat mall-esponenti n-natura tal-kuntratt tagħha u qabel ukoll li isimha jkun ċitat fis-CV tal-istess esponenti. Kien biss meta l-esponenti sabet xogħol ieħor li l-Kullegg biddel il-fehma tiegħu u beda juri reżistenza għat-terminazzjoni tal-impjieg tagħha.

Li l-intimata ma xtaqitx jew riedet tittermina l-impjieg tagħha imma kienu proprju r-rappreżentanti tal-Kullegg li nfurmawha li s-servizzi tagħha ma kienux aktar meħtieġa u fil-fatt kien diġa' sar reklam għall-vacancy relattiva qabel ma l-esponenti kienet preżentat ir-riżenja tagħha dan proprju in linea ma' dak li jingħad hawn fuq dwar in-natura tal-kuntratt tagħha. Kien biss meta l-esponenti sabet xogħol ieħor li l-Kullegg biddel il-fehma tiegħu u beda juri reżistenza għat-terminazzjoni tal-impjieg tagħha.

Li assolutament mhux minnu li l-intimata kisret xi obbligu kuntrattwali; anzi hija kienet saħansitra offriet li tibqa' tikkolloabora mall-Kullegg fir-rigward tal-proġetti segwiti minnha u l-attivitajiet relatati sal-aħħar, liema offerta ġiet miċħuda mill-Kullegg u dan mingħajr ebda ġustifikazzjoni skont il-liġi.

Lanqas huwa minnu li hija debitriċi tal-kullegg intimat wisq anqas fl-ammont mitlub mill-kullegg liema ammont qed jiġi fi kwalunkwe każ kontestat anke bħala wieħed eżaġerat u l-kullegg għandu wkoll jagħti prova tal-mod li bih ikkwantifika l-ammont mitlub mill-esponenti u dana dejjem a tenur tal-parametri relattivi posti mill-istess liġi.

Li għalhekk it-talbiet tal-kullegg għandhom jiġu miċħuda.

**<u>Provi</u>**

A fol 42 l-intimata preżentat l-ewwel faċċata tal-kuntratt tax-xogħol tagħha li tgħid li hija ġiet impjegata bħala Researcher mall-Kullegg Intimat b'kuntratt definit ta' sena li jibda mill-1 t'Awissu 2019 bi probation ta' sena wkoll.

A fol 73 mill-employment history sheet tal-intimata jirrizulta li hija kienet impjegata mall-Kullegg Intimat mit-2 ta' Jannar 2019 sal-11 ta' Settembru 2019 fuq bazi full-time contract bhala Mentor; mit-12 ta' Settembru 2019 sal-11 ta' Dicembru 2020 hija kienet impjegata bhala Researcher mall-istess Kullegg full-time contract, u mill-5 ta' Jannar 2021 sal-lum hija sabet xoghol ma' terzi.

**A fol 80 Philip Vella Deputy Principal fl-MCAST** xehed li huwa ilu f'din il-kariga minn Jannar 2019. Li l-intimata applikat bhala Researcher fuq bazi full-time ghal zmien determinat mill-1 t'Awissu 2019 sal-31 ta' Dicembru 2021. Huwa jghid li ghal xi raguni l-front page/cover note harget b'tali mod li taqra "definite for one year." Izda originarjament dan il-kuntratt fil-front page/cover note kien hemm miktub li huwa ghal zmien definit ta' sentejn u hames xhur. U li skond hu l-intimata qablet dwar dan u jista' jigi konfermat minn Sylvana Clarke minn l-istess Kullegg.

Li ghalhekk l-intimata prezentat din il-cover note b'mod qarrieqi ghax fuqha hemm miktub bil-pinna l-kelma 'changed' fejn il-kliem "definite for a period of one year." (fol 42 in-nota li qed jirreferi ghaliha Vella).

A fol 84 Vella pprezenta Dok PV2 il-kuntratt tax-xoghol tal-intimata.

Dan it-Tribunal jirrileva li l-ewwel pagna tghid li hija qed tigi mpjegata bhala Researcher ghal tnax-il xahar li jibdew b'effett mill-1 t'Awissu 2019 u li d-data tal-kuntratt hija tal-31 ta' Dicemru 2021. A fol 85 para 1 jghid testwalment hekk: "The appointment shall be for a definite period commencing on 1st August 2019 and which terminates on 31st December 2021. The first 12 months of employment shall be considered as probationary period. "

Vella jkompli jixhed li l-Kullegg ma kellux ghalfejn jitlob estensjoni tal-kuntratt ghax il-kuntratt ta' Pinto kien ghadu validu u kellu jibqa' hekk validu sal-31 ta' Dicembru 2021; li l-Kullegg kien informa lill-Intimata li z-zmien tal-probation kien ghadda b'effett mill-31 ta' Lulju 2020 b'dan li "All the terms of employment shall remain as stated in your contract." Dan biex juri li mhux minnu li l-Kullegg ried iwaqqaf lill-intimata mix-xoghol. Huwa kkonferma li l-firma fuq id-dokument PV3 fol 98.

Dan it-Tribunal josserva li Dok PV3 a fol 98 jghid testwalment hekk: "with reference to your contract of employment commencing on 1st August 2019 in virtue of which you were employed in the Grade of researcher, kindly note that we are pleased to inform you that you have successfully completed your probation period, with effect from 31st July 2020. All the terms of employment shall remain as stated in your contract…"

Vella prezenta email li baghtet l-intimata Dok PV4 fol 99 sabiex juri li hija kienet taf bil-kuntratt definit taghha tant li saqsiet li jekk tirrizenja s-somma a favur il-kullegg

skond l-istess kuntratt il-kullegg jirrinunzjahiex. U l-kullegg infurmaha li dan ma setax isir permezz ta' email tat-12 ta' Novembru 2020 Dok PV 5 (fol 100) u fit-30 ta' Novembru 2020 l-intimata baghtet l-ittra ta' rizenja taghha b'effet mill-11 ta' Dicembru 2020. Dok PV 6 (fol 101).

Fl-1 ta' Dicembru 2020 il-kullegg talabha thallsu nofs il-paga kollha li ghaliha hija kien ikollha jedd kieku hija baqghet fis-servizz ghal bqija taz-zmien hekk espressament miftiehem Dok PV 7 (fol 102).

Vella prezenta Dok PV 8 HR Action Form tat-terminazzjoni tal-intimata (fol 104) ffirmata minn Philip Vella fil-11 ta' Dicembru 2020, Dok PV9 (fol 105) l-HR Action form li tappartjeni lill-intimata sabiex juri li l-formoli juri d-dettalji li jaqblu preciz mall-kuntratt in vigore bejn il-kullegg u l-intimata li tindika wkoll il-perjodu tal-kuntratt li kien bejn l-1 t'Awissu 2019 u l-31 ta' Dicembru 2021 iffirmata mill-Head of HR fid-29 t'Awissu 2019. Dok PV 10 (fol 106) il-"Position Description" rikjesta minn Identita' Malta datata 22 t'Awissu 2019 li wkoll tindika f'pagna 3 that "Working Conditions" il-perjodu kien ta' mpjieg fiss bejn l-1 t'Awissu 2019 u l-31 ta' Dicembru 2021 u Dok PV11 il-"Position Description" li hija l-Applikazzjoni CEA Form C ta' Identita' Malta li wkoll f'pagna 2 tal-istess tindika l-istess perjodu ta' mpjieg, iffirmata mix-xhud Philip Vella fit-22 t'Awissu 2019 u mill-intimata fl-istess gurnata cioe' fit-22 t'Awissu 2019.

A fol 110 Vella pprezenta Dok PV11 Application form A residence Permit Employment li fiha l-intimata tissottometti li hija ghandha mpjieg mall-kullegg ghal perjodu mil-1 ta' Awissu 2019 sal-31 ta' Dicembru 2021 u tali applikazzjoni saret mill-intimata fit-22 ta' Awissu 2019 u anke mix-xhud Vella in rapprezentanza tal-kullegg rikorrenti.

Vella jikkontendi li s-somma ta' Ewro 19,292.91 hija ghalhekk dovuta mill-intimata lill-Kullegg rikorrenti.

A fol 148 in kontro-ezami Vella xehed li l-izball fl-ewwel pagna tal-kuntratt kien zball amministrattiv; mistoqsi ghaliex l-Idenity Malta ma tatx permess lill-intimata ghat-terminu kollu tal-kuntratt Vella wiegeb li ma jafx. Huwa baqa' jinsisti li emendi fil-kuntratt tal-intimata ma sarux.

A fol 159 kompla l-kontro-ezami ta' Philip Vella li xehed li r-residence permit mhux responsabbilita' tal-kullegg izda tal-intimata. Huwa rega' sostna li l-kuntratt qatt ma seta' jkun ghal sena u dan minhabba li l-EU Project li giet impjegata ghalih l-intimata kien jispicca fl-ahhar ta' Dicembru 2021. Meta muri l-ewwel pagna tal-kuntrat tal-intimata li jghid li t-terminu tal-impjieg huwa ta' sena, huwa xehed li kien hemm zball amministrattiv.

**A fol 114 Dr Tatjana Chircop Deputy Prinipal Research and Innovation fl-MCAST** tghid li hija ilha f'din il-kariga mall-kulleg ghal dawn l-ahhar disa' (9) xhur u li qabel ghal tlett snin hija kienet tokkupa l-kariga ta' Principal Social Services. Fiz-zmien ta' din il-kwistjoni hija kienet u ghadha l-Project Leader tal-ESF 02.058 li parti minnu kienet l-intimata. Hija tghid li l-Kullegg fil-31 ta' Lulju 2020 ma talabx lil Pinto sabiex ikun hemm estensjoni tal-kuntratt ghax il-kuntratt taghha kien validu sal-31 ta' Dicembru 2021. Hija tghid li fis-6 ta' Novembru 2020 Pinto baghtet email lil Philip Vella Deputy Principal u kkuntatjatha fejn talbitha li tieqaf mill-impjieg fiss taghha u tigi ezonerata milli thallas il-penali ghal finijiet tal-kuntratt definit. Pinto permezz ta' ittra tat-30 ta' Novembru 2020 ikkomunikat maghha r-rizenja taghha li hija kienet infurmat lill-Kullegg li l-ahhar gurnata tax-xoghol taghha kienet il-11 ta' Dicembru 2020. Il-Kullegg talab lill-intimata thallas dak dovut lill-Kullegg skond il-kuntratt tal-impjieg taghha permezz ta' email li baghtilha Philip Vella fl-1 ta' Dicembru 2020.

In kontro-ezami fol 144 Chircop giet mistoqsija sabiex tghid li l-kuntratt tax-xoghol li kien ghal perjodu mill-1 ta' Awissu 2019 sal-31 ta' Dicembru 2021 kien holoq problema ma' Identity Malta peress li hija kellha permess ta' residenza ghal sena biss, hija wiegbet li dan mhux xogholha u ma tidholx f'dan u li l-HR responsabbli minn dan.

**A fol 118 Sylvana Clarke Administrative Officer fil-Human Resources fl-MCAST** xehdet li hija kienet sejhet lil Pinto permezz ta' email tat-3 ta' Ottubru 2019 sabiex tiffirma l-ewwel pagna tal-kuntratt u spjegat li ghalhekk il-kliem "definite for one year) prezentat mar-rikors guramentat mir-rikorrenti a fol 9 gew imnehhija. Hija tghid li Pinto ffirmat il-front page/cover note fil-prezenza taghha u li l-intimata kienet taf li l-kunratt taghha kien jibda fl-1 ta' Awissu 2019 u jispicca fil-31 ta' Dicembru 2021. Hija prezentat a fol 119 prospett tal-ammont li qed jitlob il-Kullegg minghand l-intimata talli kisret il-kuntratt ta' xoghol li kellha.

In kontro-ezami fol 294 Clarke kkonfermat li l-applikazzjoni tohrog kull sena ghax l-Identity Malta ma johrogx permess ghal aktar minn sena. Dak iz-zmien l-impjegati kienu jmorru l-Idenity Malta bl-applikazzjoni u d-dokumenti u meta kien hemm il-covid l-applikazzjonijiet bdew isiru online.

In generali hija tinforma lill-persuna li l-permess tax-xoghol ikun ser jiskadielha. Meta muriha r-rendikont tal-ammont mitlub mill-MCAST fl-affidavit taghha u mitlub tispjega kif nizlet li l-intimata kellha dik il-paga meta ma kienx il-kaz Clarke wiegbet li l-pagi tawhomlha t-taqsima tal-pagi u kellha ticcekkja. Hija kkonfermat li l-kuntratt baqa' l-istess meta fl-ewwel faccata ghajtu lil Pinto sabiex tiffirma l-emenda fl-ewwel faccata. Problemi ma' Identity Malta qatt ma kien hemm.

A fol 418 regghet xehdet Sylvana Clarke li prezentat dokument Dok A sa Dok E fol 301 et rigward korrispondenza bejn l-intimata u l-kullegg u l-applikazzjonijiet sottomessi lil Identity Malta u spjegat fhiex jikkonsistu dawn id-dokumenti.

A fol 143 hija spjegat li fis-17 ta' Gunju 2021 qabel ma skadielha l-permess li kien validu sas-16 ta' Settembru 2020 hija baghtet lill-intimata emal biex tissubmitja certu dokumenti u hekk sar u anke baghtitilha scanned l-id card taghha l-gidida li kienet turi li tiskadi fis-16 ta' Settembru 2021 u saret l-application ma' Identity Malta online. Hija tghid li l-intimata telqet f'Dicembru 2020 meta hija kellha permess validu sa Settembru 2021 u kienu jergghu japplikawlha ghax-xahrejn li kien fadlilha mill-kuntratt.

Meta mistoqsija mit-Tribunal la l-kuntratt kien sa Dicembru u kellha permess sa Settembru kienx xogholhom li japplikawlha sa Dicembru Clarke wiegbet li l-intimata ma marritx issaqsiha.

**A fol 123 Mary Rose Mifsud fl-affidavit taghha tghid li hija ghandha l-kariga ta' Direttur tal-Human Resources fl-MCAST** li prezentat dokumenti dwar il-job vacancy sabiex turi li l-impjieg tal-intimata kien konness mall-progett Adding Value: Nurturing Learning Journeys at MCAST Foundation College li kien ser jigi konkluz lejn l-ahhar tas-sena 2021 u li kien ghalhekk li l-kuntratt ta' Pinto kien jaghlaq f'Dicemrbu 2021.

In kontro-ezami fol 435 Mifsud xehdet li hija lahqet Direttur HR f'Jannar 2021. Li meta l-intimata rrizenjat hija ma kinitx f'din il-kariga u li l-affidavit li prezentat kien a bazi tad-dokumenti li hija sabet. Hija kkonfermat li fil-progetti tal-EU il-kariga tkun ghal perjodu definittiv ta' tlett snin. Hija tghid li l-vacancy harget wara li hija rrizenjat u mhux kif gie suggerit lilha meta hija kienet ghadha tahdem mall-MCAST.

**A fol 164 fl-affidavit tahha Flavia Morone Pinto** xehdet li hija giet impjegata in relazzjoni ma' progett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea ESF 02058 li kien progett ghal tlett snin. Il-leader ta' dan il-progett kienet Dr Tatjana Chircop u hija kienet tahtha.

F'Novembru 2018 hija giet impjegata mall-kullegg bhala Mentor liema kuntratt kien jghid "definite for 3 years", u li meta hija marret biex tapplika ma' Identity Malta ghall-work permit ghal tlett snin huma nfurmwha li l-work permit johrog ghal sena. Ghalhekk kellmet lil Sylvana Clarke responsible for HR u l-kuntratt gie emendat ghal "definite for one year". Hija personalment marret l-Agenzija tal-Identity Malta tapplika ghal work permit u kellha tmur u tigi tlett darbiet minhabba li l-kuntratt kellu jigi emendat jew ghax l-HR kienu tawha dokumenti neqsin.

Applikat ghal Researcher mall-istess kullegg u l-kuntratt taghha f'Awissu 2019 inbidel ghalkemm baqghet tahdem fl-istess progett. Ghamlulha kuntratt ta' tlett snin,

Identity Malta regghu ma accettawhx u ghalhekk il-kullegg biddel il-kuntratt ghal sena sabiex Identity Malta tkun tista' tohrogilha l-work permit. Hija tirreferi ghall-kuntratt taghha a fol 37 li jghid bic-car li l-kuntratt taghha huwa ta' sena.

Denise Cortis Direttur fl-HR fl-MCAST infurmata permezz ta' email li ma kienx possibbli tapplika ghal work permit qabel Dicembru 2021. Hija ppruvat tkellem lil Cortis izda ma kinitx tkun hemm u meta hija kellmet lil Sylvana hija qaltilha li ghandha tkellem lil Denise Cortis izda wara qalulha li Cortis ma kinitx aktar tahdem fl-HR.

Il-work permit taghha kien jibda mis-17 ta' Settembru 2020 u jiskadi fis-16 ta' Settembru 2021 izda l-kuntratt ta' xoghol li kellha kien jiskadi fil-31 ta' Dicembru 2021. Kellmet lil Tatyana Chircop bhala l-Kap taghha u hija qaltilha li ser ticcekjalha. Pinto tghid li hija ma kinitx inkwetata ghax dejjem gara li l-kuntratt ibidluhulha ghal sena sabiex l-Identity Malta tohrogilha l-work permit.

Hija tablet qualification allowance ghal PH.D degree taghha; u qalet lil Tatyana li hija tinsab inkwetata ghax baqghet ma rceviet xejn minghandha rigward il-work permit. Hija nfurmatha li ma kien hemm ebda pjan li lilha jigi mgedded il-work permit. Saqsietha ghandhiex tapplika ghal xoghol iehor u Sylvana qaltilha li iva tista'.

L-intimata tispjega fol 165 li hija kellha kuntratt li jiskadi fil-31 ta' Dicemru 2021 u jibda fl-ewwel ta' Awissu 2019; li hija kellha work permit li jiskadi fis-16 ta' Settembru 2021 u wara dik id-data hija ma setghetx tahdem legalment f'Malta. Li l-kelma 'changed' kitbitha hija stess quddiem Sylvana Clarke u li skond hi meta skada l-kuntratt ta' sena f'Awissu 2020 dan il-kuntratt taghha gie konvertit f'impjieg ghal zmien indefinit. Hija tghid li l-kuntratt kif emendat iffirmawh hija l-intimata, Philip Vella bhala Deputy Principal, Prof Joachin Calleja bhala Principal u CEP.

F'Ottubru 2020 hija applikat ghal xoghol gdid u giet accettata f'Novembru. Hija infurmat lil Tatiana b'dan u hija ferhitilha u bdiet issemmilha l-hlas li ghandha taghmel skond il-kuntratt. Hija fakkritha li kienet hija stess li qaltilha li tista' tapplika ghal xoghol iehor u hija tatha dan il-parir "how about this, you wait till August/September 2021 to apply for a new job then you pay less, only for the period between September and December 2021". Hija saqsietha hux qed tissugerilha li hija ghandha tahdem bla work permit u li ghalhekk hija ma ghandha thallas xejn. Sylvana qaltilha biex tkellem lil Jonathan id-Direttur il-gdid tal-HR. Hija hekk ghamlet u Jonathan qallha biex tibghat email lil Philip Vella l-HR Deputy Principal titlob biex il-penali tigi mahfura. Hija hekk ghamlet pero' Vella ma rrispondhiex. Baghtet reminder u rceviet it-talba biex thallas il-penali. Jonathan ghajtilha ghal-laqgha u hija marret u fil-laqgha huwa rrepeta l-email li kien baghtilha dwar in-notice.

Fl-istess gimgha hija rat post fuq Facebook li kien hemm vacancy fl-istess kariga li hija kellha u kien ghalhekk anke ghaliex kulhadd fil-Kullegg beda jinjoraha li hija baghet l-ittra ta' rizejna u li l-11 ta' Dicembru 2019 kienet l-ahhar gurnata li hadmet.

Vella cemplilha u qallha li hija ma kellhiex tibghat l-ittra, tghid li huwa beda jghajjat u kellu ton imperattiv.

Ra d-dokumenti kollha esebiti mall-affidavit tal-intimata.

In kontro-ezami (seduta 5 ta' Lulju 2024) ir-rikorrenti xehdet li hija kienet taf li l-kuntratt tal-impjieg taghha kien ghal sena u li meta hija rrealizzat li l-kuntratt taghha kien ghal sena hija kellmet lil HR u dan kien qabel skada l-kuntratt ta' sena, kellmet lil Sylvana Clarke u saqsietha biex tkellem lil Denise Cortis diversi drabi izda ma rnexxilhiex ghax din lahqet telqet mill-Mcast.  Meta kelmet lil Sylvana Clarke hija ma solvitiliex il-problema, kellmet lil Tatiana li kienet il-Kap taghha u lanqas hija ma setghet taghmlilha xejn. Anke lil certu Direttur Jonathan kellmet u qalulha li ma jistghu jaghmlu xejn. Hija ma rieditx li tkun Malta llegalment, kienet kuntenta fix-xoghol taghha u anke ta' fuqha kienu kuntenti b'xogholha. Hija kkonfermat li l-ewwel kuntratt taghha bhala mentor kien ghal sena, u l-kuntratt l-iehor kien ghal tlett snin. Hija cahdet li telqet mill-Mcast biex issib xoghol ahjar u tghid li telqet ghax Jonathan hekk ta parir li taghmel.

Rigward l-email li hija baghtet lill-Mcast fis-6 ta' Novembru 2021 tinforma lil Mcast li sabet xoghol iehor u li trid li l-penali tinhafrilha u nofs is-salarju jinhafrilha wkoll u dan meta hija kellha permess ta' residenza validu sa Settembru 2021, it-Tribunal intervjena li huwa ser jiehu konjizzjoni ta' dan kollu fid-decizjoni tieghu.

**A fol 284 xehed Thomas Barry Senior Administrative Officer Expatriates Unit Identity Malta**, u spjega li l-intimata kellha single permit li huwa permess temporanju li jinhareg minn Identity Malta fejn fiha persuna tkun tista' tghix u tahdem matul dak il-perjodu definittiv u li dan is-single work permit normalment l-bicca l-kbira jinhareg ghal perjodu ta' sena.

Huwa xehed li l-ewwel applikazzjoni li rcevew rigward l-intimata kienet fis-sena 2018 meta l-MCAST applikalha biex tahdem bala Mentor. Dan il-permess hareg ghal sena u f'Settembru 2019 l-MCAST issottomettiet applikazzjoni ohra din id-darba bhala change in employer ghaliex l-employer baqa' l-istess l-MCAST pero' kien hemm tibdil fil-job title jigifieri minn Mentor ix-xoghol taghha nbidel ghal Researcher pero' l-employer baqa' l-MCAST. Din l-applikazzjoni giet sottometta f'Settembru 2019 u kienet valida sa Settembru 2020.

L-Identity Malta bhala requirements ghal work permit titlob il-kuntratt ta' xoghol ghal zmien definit li jkun ta' sena jew dak indefinit. Il-kuntratt tax-xoghol jigi

sottomess mall-applikazzjoni. Saret renewal application li kienet valida sa' Settembru 2021 u f'Novembru 2020 giet sottomessa application ta' change in employer minn Baxter MLT Limited jigifieri Pinto kienet ha tibdel kemm l-employer u kemm l-impjieg.

Barry kkonferma a fol 286 li Pinto sas-16 ta' Settembru 2021 kellha permess toqghod Malta u tahdem hawn Malta mall-MCAST bhala Researcher. Huwa spjega li l-ewwel kuntratt tagha kien definittiv ghal tlett snin imbaghad sena wara giet sottomessa appikazzjoni mill-MCAST ghaliex inbidel il-job title taghha li kien definittiv ghal sena u mbaghad fis-sena 2020 giet sottomessa applikazzjoni ohra min-naha tal-MCAST lil Identity Malta ssejhilha renewal ghaliex kemm l-employer u kemm il-job title baqa' l-istess u din l-applikazzjoni u r-residence permit kien validu ghal sena sas-sena 2021. It-tieni renewal tar-Researcher giet registrata fil-21 ta' Lulju 2021 u l-applikazzjoni tkun iffirmata mill-employer u mill-applikant. Mar-renewal gie sottomess il-kuntratt ta' xoghol ta' sena.

Huwa rega' tenna li Pinto sas-16 ta' Settembru 2021 kellha permess toqghod Malta u tahdem Malta mall-MCAST bhala Researcher. U r-renewal tar-Researcher giet registrata fil-21 ta' Lulju 2021 u jrid jigi sottomess mall-applikazzjoni l-kuntratt tax-xoghol iehor li jkun jikkaverja r-residence permit. Huwa pprezenta d-dokumenti li gew sottomessi ghat-tlett applikazzjonijiet. Fol 168 et.

Fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2024 xehed Thomas Barry rapprezentant ta' Identity Malta li kkonferma li ghalkemm il-kuntratt ikun ghal tlett snin huma xorta wahda johorgu l-permess ghal sena u biex residence permit jinhareg ghal tlett snin l-ewwelnett jiddependi mill-application type, u trid tkun renewal. Ma tistax tkun new jew change in employer jew still aborad. U t-tieni t-talba jaghmilha l-employer f'isem l-applikant biex ir-residence permit jinghad u jinhareg ghal iktar minn sena u l-applikant irid jaqbel ukoll li l-permit tieghu ha jinhareg ghal iktar minn sena u l-Identity Malta jiccekkjaw fost affarijiet ohra jekk l-applikanta tikkwalifikax ghal iktar minn sena. Huwa ccara li jekk jigi sottomess kuntratt ghal iktar minn sena mhux bilfors li r-residence permit ha jinhareg ghal iktar minn sena.

In ri-ezami meta mistoqsi x'inhuma l-kriterji l-ohrajn relevanti li wiehed jara huwa spjega li wiehed minnhom jekk l-applikant ikollux bzonn ta' health screening jew jekk l-employer hux registrat bhala recruitment jew tamping agency.

Fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2024 il-partijiet ghalqu l-provi u qablu li jaghmlu noti u wara l-kaz jista' jithalla ghad-decizjoni.

Ra n-noti prezentati mill-partijiet.

Ra l-provi kollha prodotti.

**Ikkonsidra**

Li dan il-kaz gie rinvjat quddiem dan it-Tribunal mill-Prim Awla tal-Qorti Civili.

Li din hija talba tal-Kullegg rikorrenti sabiex l-intimata tirrifondi kuntratt taghha tal-impjieg ghal zmien definit u sabiex ukoll tikkundanna lill-istess intimata thallas lill-kullegg is-somma ta' Ewro 19,292.93 jew somma ohra varjuri rapprezentanti nofs l-ammont ta' salarju u kontribuzzjonijiet douvti lill-Kullegg rikorrenti ai termini tal-kuntratt Dok A ghall-perjodu bejn it-12 ta' Dicembru 2020 u l-31 ta' Dicembru 2021 ai termini tal-Artikolu 36(1) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

Li l-intimata kellha kuntratt ta' mpjieg ghal zmien definit bhala Researcher mill-1 t' Awissu 2019 sal-31 ta' Dicembru 2021(fol 10).

Li fit-30 ta' Novembru 2020 avzat lill-Kullegg rikorrenti li hija kienet qed tittermina l-impjieg taghha u li l-ahhar gurnata tax-xoghol taghha kienet il-11 ta' Dicembru 2020 u ghalhekk il-Kullegg rikorrenti qed jitlob din is-somma bhala salarju u kontribuzzjonijiet ghal perjodu mit-12 ta' Dicembru 2020 sal-31 ta' Dicembru 2021.

Fir-risposta taghha l-intimata tibbaza d-difiza taghha li hija ma kinitx marbuta ma' dan il-kuntratt u dan stante li l-kuntratt ghal zmien tlett snin gie sostitwit b'wiehed ghal sena bil-covering note tieghu li dan huwa kuntratt ghal zmien definit ta' sena. Hija taqbel li dan gara ghax Idenity Malta ma accettawx kuntratt ta' tlett snin izda kuntratt ta' sena biss biex huma johorgu r-residence permit, r-residence permit huma johorguh minn sena ghal sena f'kaz ta' kuntratt definit.

Hija tinvoka l-principju ta' pacta sunt servanda u anke tghid li l-fatt li wara l-ewwel sena tal-impjieg taghha u in vista tal-fatt li l-esponenti ma ffirmatx kuntratt iehor l-impjieg taghha gie konvertit ghal wiehed indefinit u dan skond l-art 34(2) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

Li ghalhekk meta l-intimata tterminat l-impjieg taghha permezz tal-ittra ta' rizenja tat-30 ta' Novembru 2020 hija ma kinitx aktar marbuta mall-Kullegg b'kuntratt t'impjieg ghal zmien definit imma b'impjieg ghal zmien indefinit skont il-ligi fejn allura l-ebda ammont ma huwa dovut mill-esponenti in konnessjoni ma' tali terminazzjoni t'impjieg.

**Mill-provi jirrizulta li:**

Skond ix-xhieda tal-intimata stess, f'Novembru 2018 hija giet impjegata mall-kullegg bhala Mentor liema kuntratt kien jghid "definite for 3 years", u li meta hija marret biex tapplika ma' Identity Malta ghal work permit ghal tlett snin huma nfurmawha li l-work permit johrog ghal sena. Ghalhekk kellmet lil Sylvana Clarke responsible

for HR u l-kuntratt gie emendat ghal "definite for one year". Hija personalment marret l-Agenzija tal-Identity Malta tapplika ghal work permit u kellha tmur u tigi tlett darbiet minhabba li l-kuntratt kellu jigi emendat jew ghax l-HR kienu tawha dokumenti neqsin.

Fl-1 ta' Awissu 2019 hija bdiet tahdem bhala researcher mall-istess kullegg wara li hija applikat ghal dan il-post u kellha l-kuntratt ta' mpjieg mertu ta' dawn il-proceduri.

Mix-xhieda ta' Thomas Barry rapprezentant ta' Identiy Malta, dan kollu jirrizulta u stante li l-qofol ta' dan il-kaz huwa min hu responsabbli ghal hrug tar-residence permit jekk hux l-Mcast qua employer jew l-intimata qua l-impjegata dan it-Tribunal mix-xhieda ta' **Thomas Barry a fol 283 qua Senior Administrative Officer Expatriates unit Identity Malta** jirrizulta dan li gej:

Illi l-intimata kellha single permit li huwa permess temporanju li jinhareg minn Identity Malta fejn fiha persuna tkun tista' tghix u tahdem matul dak il-perjodu definittiv u li dan is-single work permit normalment il-bicca l-kbira jinhareg ghal perjodu ta' sena.

Illi l-ewwel applikazzjoni li rcevew rigward l-intimata kienet fis-sena 2018 meta l-MCAST applikalha biex tahdem bhala mentor. Dan il-permess hareg ghal sena u f'Settembru 2019 l-MCAST issottomettiet applikazzjoni ohra din id-darba bhala change in employer ghaliex l-employer baqa' l-istess l-MCAST pero kien hemm tibdil fil-job title jigifieri minn Mentor ix-xoghol taghha nbidel ghal Researcher pero' l-employer baqa' l-MCAST. Din l-applikazzjoni giet sottometta f'Settembru 2019 u kienet valida sa Settembru 2020.

Huwa spjega li l-ewwel kuntratt taghha kien definittiv ghal tlett snin;

Sena wara giet sottomessa appikazzjoni mill-MCAST ghaliex inbidel il-job title taghha li kien definittiv ghal sena u fis-sena 2020 giet sottomessa applikazzjoni ohra min-naha tal-MCAST lill-Identity Malta ssejhilha renewal ghaliex kemm l-employer u kemm il-job title baqa' l-istess u din l-applikazzjoni u r-residence permit kien validu ghal sena sas-sena 2021.

It-tieni renewal tar-Researcher giet registrata fil-21 ta' Lulju 2021 u l-applikazzjoni tkun iffirmata mill-employer u mill-applikant. Mar-renewal gie sottomess il-kuntratt ta' xoghol ta' sena.

L-Identity Malta bhala requirements ghal residence permit titlob il-kuntratt ta' xoghol ghal zmien definit li jkun ta' sena jew dak indefinit. Il-kuntratt tax-xoghol jigi sottomess mall-applikazzjoni.

Saret renewal application li kienet valida sa' Settembru 2021.

F'Novembru 2020 giet sottomessa application ta' change in employer minn Baxter MLT Limited jigifieri Pinto kienet ha tibdel kemm l-employer u kemm l-impjieg.

L-intimata sas-16 ta' Settembru 2021 kellha permess toqghod Malta u tahdem hawn Malta mall-MCAST bhala Researcher.

Dan juri li meta rrizenjat l-intimata hija kellha residence permit validu u li fil-21 ta' Lulju 2021 l-Mcast kien applikalha sabiex dan il-permess jigi estiz ghal sena ohra cioe sa Settembru 2022 u li din it-tieni renewal giet iffirmata miz-zewg partijiet cioe' mill-employer u mill-intimata. Fol 168 et gew prezentati d-dokumenti li juru dan.

Dwar l-eccezzjoni tal-intimata li l-kuntratt kien ta' sena mhux ta' tlett snin;

Li l-intimata ffirmat kuntratt ta' tlett snin bhala researcher;

Li l-intimata kienet taf bil-policy ta' Identity Malta li huma jaccettaw biss residence permit ta' sena tant li a **fol 164 fl-affidavit taghha Flavia Morone Pinto xehdet li f**'Novembru 2018 hija giet impjegata mall-kullegg bhala Mentor liema kuntratt kien jghid "definite for 3 years", u li meta hija marret biex tapplika ma' Identity Malta ghal work permit ghal tlett snin huma infurmawha li l-work permit johrog ghal sena. Ghalhekk kellmet lil Sylvana Clarke responsible for HR u l-kuntratt gie emendat ghal "definite for one year". Hija personalment marret l-Agenzija tal-Identity Malta tapplika ghal work permit u kellha tmur u tigi tlett darbiet minhabba li l-kuntratt kellu jigi emendat jew ghax l-HR kienu tawha dokumenti neqsin.

Li ghalhekk hija kienet taf li l-ewwel kuntratt ta' xoghol taghha li kien ghal tlett snin, izda li a fini ta' residence permit kien ghal sena.

Li ghalhekk meta hija bidlet ix-xoghol mall-istess kullegg u sarilha l-kuntratt mertu ta' dawn il-proceduri u l-Kullegg adotta l-istess proceduri li kienet taf biha l-intimata, dan it-Tribunal ma jistax jaqbel u jemmen lill-intimata meta teccepixxi li l-kuntratt ta' xoghol li kellha kien ghal sena u mhux ghal tlett snin. Tant hu hekk li meta hija marret titlob appuntament mad-dirigenti tal-kullegg, hija ma talbitx u ma saqsietx dwar x'jigri meta l-kuntratt ta' sena jiskadi izda saqsiet dwar u sabiex ir-residence permit taghha jigi estiz.

Li ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Dwar l-eccezzjoni tal-intimata li l-kuntratt kien ta' sena u skada u li ghalhekk sar wiehed indefinit, a bazi tad-decizjoni ta' dan it-Tribunal li l-intimata kellha kuntratt ta' xoghol ghal tlett snin u mhux ta' sena din l-eccezzjoni wkoll qed tigi michuda.

Dwar ir-responsabilita ta' min irid igedded ir-residence permit;

Dan it-Tribunal jirreferi ghal-ligi sussidjarja 217.17 fir-rigward liema regolamenti jaghti dawn it-tifsiriet Artikolu 2:

Single permit means a residence permit issued by the director allowing third-country national to reside legally in Malta for the purpose of work;

Single application procedure means any procedure leading, on the basis of a single application made by a third-country national and endorsed by his employer for the authorisation of residence and work in Malta to a decision ruling on that application for the single permit;

Third country national means any person who is not a citizen of the European Union within the meaning of article 20(1) of the Treaty on the functioning of the European Union;

Third country worker means a third-country national admitted to Malta and who is legally residing and is allowed to work in the context of a paid relationship and is protected as an employee under the Employment and Industrial Relations Act and in accordance with national practice.

**Artikolu 7 jipprovi kif gej:**

7(1) a third-country national shall submit to the Director an application for a single permit endorsed by his employer and all relevant documentation.

Artikolu 14 jipprovdi li: the Director shall notify the decision on the application to the applicant in writing.

Artikolu 20 jipprovi li d-direttur jista jichad talbiet ghal hrug ta' dan il-permess jew ghal renewal ta' dan il-permess.

Li l-intimata ppruvat li tatribwixxi r-responsabilita sabiex l-Identity Malta tohrog ir-renewal permit taghha esklussivament fuq ir-rikorrenti izda dan ma hux il-kaz stante li meta hija applikat l-ewwel darba kif tikkonferma hi marret u giet ghand Idenity Malta xi tlett darba kull darba jitolbuha dokumenti differenti u li ghalhekk hija kienet taf bil-procedura. Fuq kollox ir-regolament fuq citat jippermetti lill-applikant li japplika ghar-renewal basta jkun hemm il-firma tal-Principal.

F'dan il-kaz l-applikazzjoni ghar-renewal ghal sena ohra saret f'Lulju 2021 u l-intimata ffirmata u kienet ir-responsabilita taghha li tara mall-Identity Malta li din l-applikazzjoni tigi processata malajr. Ir-responsabilita' tibqa' dejjem tal-applikant.

Mill-provi jirrizuta car li l-Intimata kellha biza' li wara li jiskadielha l-permess biex toqghod f'Malta  f'Settembru 2021 il-permess ma jigix imgedded u tispicca li jkollha

titlaq minn Malta izda fl-istess nifs hija ma baqhetx tistenna sas-sena 2021 biex issib xoghol u tal-anqas tirranga mall-employer il-gdid taghha sabiex tibda l-impjieg gdid meta jiskadielha l-permess li kellha abbinat mall-kuntratt tax-xoghol taghha gewwa l-MCAST izda ma riditx tirriskja u ghazlet li tirrizenja minn l-impjieg fl-20 ta' Novembru 2020.

Li ghalhekk ir-rikorrenti ma jistax jinghad li hija kellha raguni gusta ghaliex tittermina l-impjieg taghha u ghaldaqstant din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Dwar is-somma mitluba mill-kullegg rikorrenti, dan it-Tribunal ma jaqbilx mall-intimata meta fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha hija tikkontendi li ebda pagament ma hu dovut sal-iskadenza tal-permess ta' residenza li hija kellha cioe' sa' Settembru 2021 kif qed jikkontendi l-kullegg rikorrenti u dan ghax skond hi, dan ma japplikax fil-kaz taghha ghax l-Mcast ma setghetx tiggarantixxi r-residenza taghha f'Malta ghat-tul kollu tax-xoghol u li kien ghalhekk li hija kienet tenuta li tittermina l-impjieg u mhux tistenna li jasal Settembru 2021 sakemm tigi reza llegali f'Malta.

It-Tribunal ma jaqbilx ma' dak li qed tikkontendi l-intimata ghax kuntratt huwa kuntratt u l-bizghat taghha huma bizghat li jkollu kull haddiem minn barra l-Unjoni Ewropea li jaghzel li jigi jahdem Malta u tali biza ma tezentahx milli joqghod ghall-obbligi kontrattwali tieghu fil-kuntratt tax-xoghol li jkollu.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jiddeciedi li jaqbel mall-Kullegg rikorrenti meta jghid li tali somma ghandha tkun sa' Settembru 2021 cioe' sakemm l-intimata kellha l-permess ta' residenza garantit.

Dwar il-quantum il-kullegg rikorrenti qed jitlob is-somma ta' Ewro 19,292.93c ghal perjodu bejn it-12 ta' Dicembru 2020 u l-31 ta' Dicembru 2021 skont l-artikolu 36(12) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-permess li kellha l-intimata sabiex toqghod u tahdem Malta kien sa Settembru 2021 u li l-11 ta' Dicembru 2020 kienet l-ahhar gurnata tax-xoghol taghha.

Dan it-Tribunal jaqbel mall-intimata meta fin-nota taghha hija tghid li l-artikolu 36(12) tal-Kap 452 tal-Ligjiet ta' Malta jistablixxi li s-somma ghandha tkun daqs nofs il-paga kollha li ghaliha hija kienet ikollha jekk kieku baqghet fis-servizz ghal bqija taz-zmien hekk espressament miftiehem u dan ghax l-istess artikolu 36(12) Kap 452 jistipula dan.

Li t-Tribunal jaqbel mal-intimata meta fin-nota taghha hija tghid li rigward il-quantum dan ghandu jkun minn meta rrizenjat sa' Settembru 2021 meta hija kellha l-permess ta' residenza u dan stante li l-paga tal-intimata kienet ta' Ewro 2920 fix-xahar; li skond l-artikolu 36(12) Kap 354 l-intimata ghandha thallas nofs il-paga meta tittermina l-kuntratt ta' xoghol qabel il-waqt u li ghalhekk nofs l-paga ghal disa' xhur

mill-11 ta' Dicembru 2020 sa Settembru 2021, li tammonta ghal Ewro 13,140 u li ghalhekk dan it-Tribunal qed jordna li l-intimata thallas lill-Kullegg rikorrenti s-somma ta' ewro Ewro 13,140.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tal-Kullegg rikorrenti in parte kwantu jiddikjara li l-intimata kellha kuntratt ta' mpjieg fiss u mhux wiehed definit, jiddikjara li l-intimata kisret il-kondizzjonijiet tal-kuntratt, u jordna lill-intimata thallas lill-kullegg rikorrenti s-somma ta' Ewro 13, 140.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
**Dr Anna Mallia LL.D.**
**Chairperson**

**Vera Kopja**

**Graziella Spiteri**
**Ghas-Segretarju**